



Stqarrija għall-Istampa Il-Lussemburgu, it-28 ta' Novembru 2017

L-Awdituri tal-UE jwettqu sħarriġ online bħala parti mill-awditu li qed iwettqu, dwar id-drittijiet tal-passiġġieri

Bħalissa, il-Qorti Ewropea tal-Awdituri qed twettaq awditu dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fl-UE. Parti minn dan l-awditu tinvolvi sħarriġ online biex jiġi eżaminat kemm iċ-ċittadini jifhmu x'inhuma d-drittijiet tagħhom meta jkunu qed jivvjaġġaw u biex tinġabar informazzjoni dwar l-esperjenzi tagħhom. L-awdituri ppubblikaw ukoll dokument informattiv ta' sfond dwar id-drittijiet tal-passiġġieri fl-UE.

Bħalissa l-awdituri qed jeżaminaw jekk d-drittijiet tal-passiġġieri tal-UE humiex qed jiġu protetti u infurzati b'mod effettiv, u jekk il-Kummissjoni Ewropea mmonitorjatx sew l-implimentazzjoni ta' dawn id-drittijiet fl-Istati Membri u rreaġietx għall-problemi li nqalgħu. Huma se jwettqu wkoll żjarat tal-awditjar f'10 Stati Membri (ir-Repubblika Ċeka, Franza, il-Finlandja, il-Greċja, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Italja, in-Netherlands, il-Polonja u Spanja), fejn se jiltaqgħu ma' uffiċjali u ma' partijiet interessati rilevanti u jivvalutaw l-implimentazzjoni fil-prattika.

"Biex wieħed ikun jaf verament jekk id-drittijiet tal-passiġġieri humiex qed jiġu rrispettati, irid jara kemm fil-fatt tingħata l-għajnuna meħtieġa meta jinqala' xi intopp," jgħid George Pufan, il-Membru tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri responsabbli għall-awditu. "Aħna nittamaw li i-ċittadini Ewropej ikunu lesti jaqsmu l-esperjenzi tagħhom, kemm tajbin kif ukoll ħżiena, biex jipprovdu aktar informazzjoni li nkunu nistgħu nużaw għall-awditu tagħna".

Kull minn kellu l-esperjenza li jivvjaġġa bħala passiġġier fuq ajruplan, permezz ta' trasport fuq l-ilma, fuq xarabank/kowċ jew fuq ferrovija fl-UE matul dawn l-aħħar sentejn huwa mistieden jieħu sehem fi sħarriġ online, li jinstab fuq bit.ly/ECAPassengerSurvey_MT. Dan ma għandux jieħu aktar minn 10 minuti, u huwa disponibbli bil-lingwi kollha tal-UE. Ir-risposti jiġu ttrattati bl-akbar kunfidenzjalità.

Għal dawk li għandhom interess partikolari fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri, l-awdituri ppubblikaw ukoll dokument informattiv li jipprovdi xi informazzjoni ta' sfond ibbażata fuq xogħol ta' tħejjija li jsir qabel ma jinbeda awditu. Id-dokument informattiv imsemmi huwa disponibbli fuq is-sit web tal-QEA (eca.europa.eu).

ECA Press

Mark Rogerson – Kelliem

T: (+352) 4398 47063

M: (+352) 691 55 30 63

Damijan Fišer – Uffiċjal tal-Istampa

T: (+352) 4398 45410

M: (+352) 621 55 22 24

12, rue Alcide De Gasperi - L-1615 Luxembourg

E: press@eca.europa.eu

@EUAuditors

eca.europa.eu

Noti lill-Edituri

Id-drittijiet tal-passiġġieri huma waħda mill-politiki emblematiċi li l-Unjoni Ewropea (UE) twassal direttament liċ-ċittadini tagħha. L-għan tal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar id-drittijiet tal-passiġġieri huwa li tingħata setgħa u protezzjoni lill-konsumaturi Ewropej.

Matul dawn l-aħħar żewġ deċennji, kien hemm żjeda kbira fl-ivvjaġġar ġewwa l-UE bis-saħħa tal-liberalizzazzjoni tas-settur tat-trasport fis-Suq Komuni, il-moviment liberu taċ-ċittadini u d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim ta' Schengen fl-1995. Pereżempju, l-għadd annwali ta' passiġġieri bl-ajru ttrippla u aktar f'dak il-perjodu.

Bejn l-2004 u l-2014, l-UE stabbiliet Regolamenti għall-erba' mezzi prinċipali kollha ta' trasport tal-passiġġieri: ix-xarabanks/kowċijiet, l-ajru, il-ferroviji u t-trasport fuq l-ilma. Id-drittijiet ewlenin tal-passiġġieri huma l-istess għal dawn il-mezzi kollha ta' trasport, iżda l-firxa tal-kopertura u r-regoli speċifiċi jvarjaw minn Regolament għal ieħor.

Bosta pajjiżi li ma jiffurmawx parti mill-UE implimentaw regolamenti simili, iżda l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom iffoka l-aktar fuq id-drittijiet tal-passiġġieri bl-ajru.